MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 389/2011

Il-Pulizija
(Sp Pierre Grech)
vs
Silvio Camilleri, iben Carmel, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Marzu, 1984, Karta ta’ l-Identita numru 163884(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-30 ta’ Awwissu, 2011 u fil-ġimgħat ta’ qabel ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin, bħala priġunier:
1. ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur ta’ l-artikolu 8(ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. talli sar reċidiv wara sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Jannar, 2007, fit-28 ta' Jannar, 2008 u fl-4 ta' Frar, 2011 liema sentenzi saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ordna li l-imputat jitrressaq quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal ts-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 8(ċ)(d) u 22(1)(a)(2)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża u wera x-xewqa li jagħmel program għar-riabiltazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' tmien mitt euro (€800). Tali multa għandha titħallas fi żmien sitt xhur minn meta l-imputat jiskonta l-piena karċerarja. Tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin

biex l-imputat jibda program għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------